MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 116/2014

**GO plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**Weatherall Mark ID. 24913A u Weatherall Adrienne ID. 110493M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Frar, 2014 illi 'l-konvenuti ghandhom jaghtu, in solidum bejnithom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tletin ewro u tlieta u disghin centezmi (€730.93) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40152683) li jinkludi telefone 21451338, servizz ta' televizzjoni 1425111997 u 1425112002, u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Gunju, 2010.

Illi 'nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentat tal-odjerna kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014 is-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u tletin  ewro u tlieta u disghin centezmi (€730.93) bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u d-drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------